TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 127/19/F

**Rita u Amante Bartolo**

**vs**

**EMA Imports**

Illum, 28 ta' Jannar, 2020

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Settembru, 2019 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500), rappreżentanti l-prezz ta' sett ta' sufan tar-ratan.

It-Tribunal jinnota li n-notifika tat-Tribunal ġiet *refused* u b'hekk it-Tribunal qed jikkonsidra din bħala notifika.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi kienet xtrat sufan tar-ratan u wara xi sena u nofs, dan is-sufan beda jitfarrak u li mir-ritratti jidher illi vera ġie mqatta'.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi fuq xhieda ta' l-istess rikorrenti, l-garanzija kienet għaddiet.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti u wara li ra r-ritratti esebiti, jinnota li l-istruttura tas-sufan kienet baqgħet intatta u li nqata' kien il-malju li jifforma parti minn fejn tpoġġi, tenut kont illi l-garanzija kienet diġa' għaddiet, u tenut kont ukoll illi sufan tar-ratan m'għandux imur fi żmien daqshekk relattivament qasir.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888